# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 18**

**Rikors numru 325/21/1 MH**

**Yorgen Fenech**

**v.**

**Avukat tal-Istat, Avukat Ġenerali, u b'digriet tat-2 ta' Ġunju, 2021, ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża in statu et terminis l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia**

1. L-attur ġie mressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja fit-30 ta' Novembru, 2019, mixli b'kompliċita` fl-omiċidju volontarju ta' Daphne Caruana Galizia. Dakinhar li tressaq taħt arrest l-attur ma talabx ħelsien mill-arrest. Sussegwentement, bejn Diċembru 2019 u April 2021 l-attur għamel disa' talbiet għall-ħelsien mill-

arrest li kollha ġew miċħudin mill-Qorti kompetenti għar-raġunijiet mogħtija fid-digrieti relattivi. L-attur jgħid li r-raġunijiet li fuqhom huma msejsa ċ-ċaħdiet tat-talbiet tiegħu għall-ħelsien mill-arrest huma kollha żbaljati u jilmenta li l-arrest prolungat tiegħu huwa bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti permezz tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "a. Tiddikjara li bl-arrest tar-rikorrent fil-proceduri fl-ismijiet Il-Pulizija v. Yorgen Fenech gie lez id-dritt tieghu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> b. Taghti dwak id-direttivi kollha sabiex jigi sancit id-dritt tieghu kif protett mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta inkluz dak li tordna r-rilaxx immedjat tieghu mill-arrest;
>
> c. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat."

3. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali eċċepew, *inter alia,* li l-arrest tal-attur sar *ai termini* tal-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali *stante* l-eżistenza tas-suspett raġonevoli meħtieġ sabiex l-attur seta' jiġi arrestat u mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, li l-għoti tal-liberta` provviżorja hija kwistjoni li għandha tiġi deċiża esklussivament mill-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, li m'hemm l-ebda dritt awtomatiku għall-ħelsien mill-arrest, li t-talbiet għall-ħelsien mill-arrest magħmula mill-attur ma ġewx milqugħa għaliex il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali ma ħassewx li kien għaqli li l-attur jinħeles mill-arrest għar-

raġunijiet dettaljati mogħtija fid-digrieti relevanti, li l-biżgħat li ġew riskontrati mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma eżistenti sal-lum il-ġurnata, aktar u aktar issa li tressqu provi dwar pjan dettaljat u metikoluż ta' kif l-attur pjana l-ħarba tiegħu minn Malta meta sar jaf li l-awtoritajiet kienu warajh, li l-attur jinsab akkużat bl-aktar reat serju fl-ordinament ġuridiku Malti li jġorr piena massima ta' għomor ħabs, li l-qtil premeditat ta' Daphne Caruana Galizia ħalla impatt soċjo-politiku ekonomiku enormi fuq il-pajjiż, li l-investigazzjonijiet tal-pulizija għadhom għaddejjin u li l-provi juru li l-attur huwa persuna inaffidabbli, li l-Qrati kriminali ġustament ikkonstataw il-biża ta' disturb fl-ordni pubbliku, u li din il-Qorti m'għandhiex tbiddel ir-realta` ġudizzjarja stabbilita mill-Qrati kriminali.

4. Permezz ta' digriet datat 2 ta' Ġunju, 2021, ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża l-Avukat Dr. Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia, li permezz tar-risposta preżentata minnhom eċċepew, *inter alia,* li ż-żamma taħt arrest tal-attur hija skont il-liġi u mhux arbitrarja, li d-digrieti tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li dwarhom qiegħed jilmenta l-attur huma motivati u bbażati fuq fatti aċċertati, li l-kwistjoni dwar jekk l-attur għandux jingħata ħelsien mill-arrest jew le taqa' *entro* l-kompetenza esklussiva tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, li ż-żamma taħt arrest tal-attur hija raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, li d-dritt għall-ħelsien mill-arrest mhuwiex dritt assolut, li hemm ħtieġa ġenwina ta' interess pubbliku li tiġġustifika ż-

żamma taħt arrest tal-attur, li jeżisti riskju ta' ħarba jekk l-attur jiġi mogħti l-ħelsien mill-arrest liema riskju huwa sostanzjat mill-provi li tessqu quddiem il-qrati kriminali li fost affarijiet oħra juru li l-attur kien qiegħed jippjana li jaħrab minn Malta fil-ġranet ta' qabel l-arrest tiegħu, li hemm riskju li jiġu mfixkla l-proċeduri kriminali pendenti u li jiġu kommessi reati oħra, u li l-ħelsien mill-arrest tal-attur jista' jikkawża diżordni pubbliku u għalhekk id-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ġustifikati u raġonevoli.

5. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-27 ta' April, 2022, ġie deċiz hekk:

> "Magħmula dawn il-kundsiderazzjonijiet kollħa tqies illi Yorgen Fenech ma sofra ebda ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali a bażi ta' l-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni u 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u b'hekk taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tiegħu bl-ispejjeż."

6. L-attur preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-17 ta' Mejju, 2022, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet kollha tiegħu u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

7. L-intervenuti fil-kawża preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fis-26 ta' Mejju, 2022, permezz ta' liema ssottomettew li l-aggravji tal-appellant għandhom jiġu miċħuda u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

8. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fl-1 ta' Ġunju, 2022, permezz ta' liema ssottomettew li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, u li t-talbiet kollha tal-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Ikkonsidrat;**

9. Peress li l-ewwel ħames aggravji tal-appellant kollha jitrattaw il-konsiderazzjonijiet li waslu lill-Ewwel Qorti sabiex tikkonkludi li d-detenzjoni kontinwata tal-attur mhijiex leżiva tad-drittijiet fondamentali tiegħu, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra dawn l-aggravji flimkien.

10. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jargumenta li l-kwistjoni tal-ħelsien mill-arrest hija kwistjoni delikata u timpinġi direttament fuq id-drittijiet fondamentali tiegħu. Jargumenta li l-prinċipju kardinali hu li l-ħelsien mill-arrest huwa r-regola u l-arrest jew iż-żamma taħt arrest huwa l-eċċezzjoni. Jgħid li fil-każ tiegħu, u partikolarment fid-digriet tal-14 ta' April, 2021, il-Qorti Struttorja ma kinitx korretta meta saħqet li l-Avukat Ġenerali m'għandhiex obbligu li ġġib provi li jeżistu l-biżgħat imsemmija fl-Artikolu 575(1) tal-Kodiċi Kriminali għaliex dan il-ħsieb joħloq preżunzjoni kontra l-liberta` provviżorja u jmur kontra l-ispirtu tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dak stabbilit fil-ġurisprudenza u

kontra l-prinċipju tal-ġustizzja naturali li huwa min jallega li jrid jipprova. L-appellant jilmenta li "kull digriet issa ġie *stereotyped* immirat lejn ċaħda" u li tali digrieti huma bbażati fuq il-premessa li huwa ħati u m'għadux preżunt innoċenti. Skont l-appellant il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali kienu żbaljati meta straħu, anke esklussivament, fuq ipoteżijiet u suppost biżgħat tal-Avukat Ġenerali u l-Pulizija mingħar ma kkonsidraw imqar prova waħda bil-ġurament ta' dak li kien qiegħed jiġi allegat.

11. L-intervenuti fi-kawża jwieġbu li kull darba li l-appellant talab il-ħelsien mill-arrest il-Qorti kompetenti għamlet stħarriġ mill-ġdid ta' kull prova li tressqet quddiemha, tant illi l-appellant stess ilmenta matul dawn il-proċeduri li r-raġunijiet għal liema ġew miċħuda t-talbiet tiegħu nbidlu. Jgħidu li mhuwiex minnu dak sostnut mill-appellant li l-Qrati kriminali qalu jew taw l-impressjoni li l-Avukat Ġenerali m'għandhiex obbligu li tissostanzja l-biżgħat indikati minnha, u li l-ilment tal-appellant li kull digriet ġie *stereotyped* huwa fieragħ għaliex l-appellant qed jinsa li kull prova li kellha quddiemha l-Qorti kriminali kienu provi meħuda u mismugħa taħt ġurament.

12. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali jargumentaw li dan m'huwa aggravju xejn iżda biss litanija ta' prinċipji, drittijiet u regoli kardinali, u rassenja ta' ġurisprudenza relattiva. Skont l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali dan l-aggravju juri li dan l-appell qiegħed iservi bħala appell

ulterjuri mid-diversi digrieti tal-qrati kriminali, u dan meta l-qrati kostituzzjonali m'għandhomx iservu bħala tielet reviżjoni jew appell minn dawk id-deċiżjonijiet.

13. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li s-sentenza appellata hija nieqsa miċ-ċirkospezzjoni u l-imparzjalita` mistennija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), u dan peress li "f'diversi partijiet fis-sentenza hemm kummenti gratwiti illi mhumiex sorretti minn provi jew fatti iżda huma biss opinjonijiet jew saħansitra konġetturi." Skont l-appellant, minflok ma tindirizza l-leżjonijiet allegati minnu s-sentenza appellata qiegħda tilledi drittijiet oħra tiegħu fosthom dik tal-preżunzjoni tal-innoċenza minħabba diversi kummenti magħmula fis-sentena appellata u konsiderazzjonijiet li mhumiex sorretti minn ebda prova fl-atti, partikolarment li huwa kien prova jaħrab minn Malta u li għandu aċċess għal *crypto currency* u flejjes li bihom xtara armi, *grenades* u *cyanide*. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti Kriminali u ġġudikatu dwar reati li la hija msejħa li tiġġudikah fuqhom u lanqas għandha l-fatti kollha quddiemha biex tasal għal tali ġudizzju. Iżid li fi kwalunke każ, anke kieku kien minnu li huwa sinjur kbir u għandu diversi konoxxenzi, dan m'għandu x'jaqsam xejn mal-mertu tal-kawża odjerna, għaliex il-mezzi tal-persuna huma rrelevanti għall-finijiet ta' talba ta' ħelsien mill-arrest.

14. L-intervenuti fil-kawża jsostnu li dan l-aggravju huwa rriżorju għaliex qari tas-sentenza appellata juri li l-Ewwel Qorti qieset kull aspett li ġie trattat quddiemha b'mod dettaljat u fid-dawl tal-ġurisprudenza relevanti, u l-fatt li sabet kontra l-attur ma jfissirx li l-proċess ġudizzjarju ma kienx imparzjali. Jargumentaw li s-siltiet mis-sentenza appellata li jilmenta dwarhom l-appellant ġew ċitati barra mill-kuntest tagħhom u li jekk wieħed jara l-kuntest li fih intqalu wieħed jifhem sew il-kliem tal-Ewwel Qorti u jagħraf li l-ilmenti tal-appellant huma fiergħa u nfondati. Jargumentaw ukoll li kien jinkombi fuq l-appellant li jirribatti l-provi prodotti jekk huwa ried, u dan billi jagħmel mistoqsijiet u jikkontrolla l-provi.

15. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali jwieġbu li dan mhuwiex aggravju minn xi kap tas-sentenza appellata iżda huwa proprju lment ġdid, distint u separat mill-lanjanzi u dak premess fir-rikors tal-appellant u għalhekk biss diġa` għandu jfalli. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti għamlet analiżi profonda tal-provi u l-fatt li ċaħdet it-talbiet tiegħu jew ċanfritu talli ġab argumenti insostenibbli ma jfissirx li l-Ewwel Qorti ma kinitx imparzjali. Jgħidu li ċ-ċaħda tat-talbiet għall-ħelsien mill-arrest tal-appellant mhumiex dikjarazzjoni tal-ħtija tiegħu. Dwar ic-*chats* li skont l-appellant huwa *documentary hearsay evidence* jgħidu li dawn huma prova dokumentarja ammissibbli, relevanti u huma saħansitra l-aqwa prova għaliex jirrappreżentaw skambji ta' kommunikazzjoni li l-appellant kellu ma' terzi persuni li ġew estratti mill-*mobile phone* tal-appellant stess,

u *intoltre* dawn il-provi jikkorroboraw id-depożizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-konvenuti speċjalment is-Supretendent Keith Arnaud u l-Ispettur Kurt Zahra.

16. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u tal-liġi applikabbli meta kkonsidrat li m'hemm xejn inkompatibbli bejn il-kelma tal-liġi Maltija u dik Ewropea dwar l-element ta' *public disorder.* Skont l-appellant ġaladarba l-liġi Maltija ma tinkludix l-element ta' *public disorder* dan ma kellux jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati fil-konsiderazzjonijiet tagħhom dwar l-għoti tal-liberta` provviżorja. Jargumenta li apparti minn hekk l-Ewwel Qorti ħalltet l-element ta' *public disorder* mal-element ta' *public interest*/*public order* li huma żewġ elementi separati u distinti minn xulxin. Jgħid li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea l-element ta' *public disorder* jista' jittieħed in konsiderazzjoni biss meta dan ikun rikonoxxut fil-liġi domestika. L-appellant jargumenta li fil-fatt hemm varji eżempji fil-liġi Maltija fejn il-liġi tipprovdi espressament għaċ-ċaħda tal-liberta` ta' bniedem sabiex jiġi preservat l-ordni pubbliku, iżda fil-każ speċifiku tal-Artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali l-leġislatur ma nkludiex il-protezzjoni ta' ordni pubbliku bħala raġuni sabiex persuna tista' tinżamm detenuta. Jgħid li l-iżvilupp ta' dan l-artikolu kien intiż sabiex jiġi eliminat kull dubju ta' arbitrarjeta` u għalhekk kull talba għall-ħelsien mill-arrest trid tistrieħ fuq dan l-artikolu sabiex tkun konformi mal-liġi domestika, mal-

Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea. Jargumenta li huwa evidenti u ovvju li r-referenza magħmula fl-Artikolu 575 (1) għal "kull ħaġa oħra li tidher relevanti" hija fir-rigward tal-fatti meħtieġa biex jiġu evalwati l-kweżiti elenkati fil-paragrafi (a) sa (e) u mhux sabiex jinħoloq kweżit ġdid biex bniedem jinżamm arrestat. Iżid li fi kwalunke każ il-kriterju ta' *public disorder* normalment jiġi applikat f'każijiet eċċezzjonali li jinvolvu akkużi ta' vjolazzjonijiet gravi ta' drittijiet fundamentali bħalma huma reati ta' gwerra, u dan mhuwiex il-każ hawnhekk. Jargumenta wkoll li anke kieku kellu jiġi aċċettat li l-element ta' *public disorder* jista' jittieħed in konsiderazzjoni ċ-ċaħda tat-talbiet tiegħu hija arbitrarja u nieqsa minn fatti li huma kapaċi juru li r-rilaxx tiegħu effettivament jiddisturba l-ordni pubbliku.

17. L-intervenuti fil-kawża jsostnu li minn eżami akkurat tad-digriet tal-qrati kriminali jirriżulta li dawk il-qrati kkonsidraw kull riskju msemmi mill-prosekuzzjoni mhux biss fid-dawl tal-provi mressqa quddiemhom iżda fid-dawl tal-prinċipji enunċjati mil-liġi u fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, inkluż il-ġurisprudenza kostanti dwar konsiderazzjonijiet ta' ordni jew diżordni pubbliku u interess pubbliku fl-għoti tal-ħelsien mill-arrest. Jargumentaw li l-Artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali jobbliga lil Qrati sabiex jieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u l-ġurisprudenza hija ċara li dan jinkludi l-interess pubbliku. Skont l-intervenuti fil-kawża l-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni bl-ebda mod ma jaffetwa l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni

jew il-liġi ordinarja li twettaq dak l-artikolu għaliex jitrattaw żewġ drittijiet li huma separati u distinti.

18. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali jargumentaw li dan l-aggravju huwa msejjes fuq intepretazzjoni għal kollox żbaljata tal-liġi għaliex il-lista provduta fl-Artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali hija nklussiva u mhux eżawrijenti proprju għaliex dan l-artikolu huwa appożitament intiż sabiex jagħti lill-qrati kriminali diskrezzjoni ampja fl-evalwazzjoni tagħhom dwar talbiet għal ħelsien mill-arrest. Jgħidu li l-kelma "oħra" ma tħalli l-ebda ekwivoku u ma tikkwalifikax kweżit eżistenti iżda tiġġenera kweżit ġdid, separat, distint u awtonomu. Skont l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali l-fatt li l-appellant ma jikkontestax li jista' jinżamm taħt arrest preventiv fl-interess pubbliku jfisser li anke l-element tad-diżordni pubbliku jista' jiġi kkonsidrat mill-qorti kompetenti minkejja li m'hemmx referenza speċifika għalih.

19. Permezz tar-raba' aggravju l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u tal-liġi applikabbli meta kkonsidrat li hemm biża' ta' ħarba. L-appellant jargumenta li l-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt. Jgħid li l-ewwel nett dan huwa għaliex ic-*chats* li qed jibbażaw ruħhom fuqhom il-konvenuti mhumiex prova fihom innifishom u ma setgħux jiġu kkonsidrati bħala prova mill-Ewwel Qorti

peress li kellu jiġi prodott bħala xhud il-persuna li għamlet l-*extractions* mill-*mobile phone* tiegħu jew imqar il-persuni li suppost kienu qed jibgħatu jew jirċievu dawn il-messaġġi u fin-nuqqas ta' dan dawn il-messaġġi huma biss *documentary hearsay.* Iżid li l-fatt li huwa allegatament sinjur jew għandu ħafna konnessjonijiet barra minn Malta ma jistax jintuża bħala fattur sabiex ma jingħatax ħelsien mill-arrest għaliex dan ikun jikkostitwixxi preġudizzju u diskriminazzjoni kontra persuni ta' dan it-tip. Ikompli li huwa ovvju li huwa għandu konnessjonijiet ma' persuni barra minn Malta jew interessi ta' negozju barra minn Malta ġaladarba x-xogħol prinċipali tiegħu kien li joħloq in-negozju, iżda dan ma jfissirx awtomatikament li ser jaħrab għand xi ħadd minn dawn in-negozjanti, u fi kwalunke każ jeżistu garanziji sabiex jassiguraw kontra din "il-biza fantomatika" tal-prosekuzzjoni. Jgħid li huwa Malti b'rabtiet konsiderevoli ma' Malta fejn huwa miżżewweġ ma' mara Maltija u għandhom żewġt itfal żgħar Maltin, għandu diversi proprjetajiet Malta u Għawdex u negozju Malta u Għawdex u l-ebda rabtiet ta' negozju barra minn Malta. Jgħid ukoll li huwa persuna b'karattru affidabbli, billi għandu fedina penali netta u wara l-arrest tiegħu ngħata *police bail* ħames darbiet, inkluż wara li kien jaf eżattament b'xiex ser jiġi mixli, li Melvin Theuma kien implikah fil-qtil u li ż-żewġt talbiet tiegħu għall-maħfra ġew miċħuda u xorta waħda dejjem ottempera ruħu mal-kondizzjonijiet kif imposti fil-*police bail.* Iżid li fi kwalunke każ, 900 ġurnata wara l-arrest tiegħu l-biża tal-ħarba m'għadhiex waħda plawsibbli u l-arrest prolungat tiegħu huwa in

vjolazzjoni tad-dritt tiegħu sanċit permezz tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

20. L-intervenuti fil-kawża jargumentaw li la din il-Qortu u lanqas l-Ewwel Qorti m'huma msejħa biex jeżaminaw kull prova li kienet a dispożizzjoni tal-qrati kriminali u jaraw jekk dawk il-provi humiex biżżejjed li jikkonvinċu lilhom li hemm riskju li l-appellant jaħrab mill-pajjiż jekk jingħata l-ħelsien mill-arrest. Jgħidu li dawn il-Qrati huma msejħa sabiex jistħarrġu biss jekk id-digrieti tal-qrati kriminali humiex arbitrarji jew le. Skont l-intervenuti fil-kawża jirriżulta ċar mid-digrieti in kwistjoni li l-qrati kriminali kkonsidraw kull aspett tal-provi sabiex jaraw jekk il-provi jaslux sal-grad ta' konvinċiment li hemm riskju reali ta' ħarba, inkluż l-interpretazzjoni tal-provi mressqa mid-difiża. Isostnu li l-qrati kriminali xtarru kull aspett relevanti msemmi fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u straħu fuq provi li juru l-karattru tal-appellant.

21. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali jsostnu li l-biża tal-ħarba hija reali u attwali, u ġiet ikkonstata metikolożament mill-Ewwel Qorti. Jargumentaw li din il-biża hija msejsa fuq il-fatt li l-appellant diġa` pprova jaħrab, huwa inaffidabbli, għandu patrimonju finanzjarju estensiv u riżorsi sinjifikanti li jippermettulu jaħrab mingħajr diffikulta` kbira, kien diġa` kkontempla jemigra barra mill-Ewropa, għandu ħafna legami, vinkoli, kuntatti u konnessjoni barra minn Malta, jinsab akkużat b'reat li jġorr

għomor il-ħabs u l-ħarba tiegħu ġġib magħha dannu rriversibbli kontra r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Jgħidu li dan kollu huwa sorrett mill-provi u għalhekk il-biża tal-ħarba hija fil-fatt reali u attwali, u dan anke fid-dawl tal-fatt li l-piena għar-reat li bih huwa mixli l-appellant hija ta' għomor il-ħabs li jfisser li jekk l-appellant jingħata l-ħelsien mill-arrest ma jkollu l-ebda skruplu li jitlaq mill-pajjiż.

22. Permezz tal-ħames aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u tal-liġi meta kkonsidrat li hemm biża li jkun hemm intralċ tal-provi. Jgħid li l-*mobile phone* tiegħu lanqas biss ġie esebit quddiem l-Ewwel Qorti u fi kwalunke każ kien hu stess li nforma lil Pulizija dwar l-attentati ta' Keith Schembri biex jgħaddilu nformazzjoni, u *nonostante* provi ċari u univoċi li dan l-inċident kien instigat unikament u esklussivament minn Keith Schembri l-Pulizija baqgħu m'għamlu xejn dwar dan. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li hemm biża ta' intralċ ta' provi għaliex huwa allegatament għandu "aċċess għal ċertu informazzjoni li żgur u qatt ma kienet posta fi ħdanu..." għaliex il-biża ta' intralċ ma tiġix imkejla b'dan il-mod. L-appellant isostni li sabiex ikun jista' jiġi validament konkluż li hemm biża ta' intralċ ta' provi għandhom jeżistu provi ċari li juru kif huwa dispost li jintralċja l-provi, liema provi f'dan il-każ ma jeżistux għaliex ma tressqux mill-konvenuti. Iżid li mhuwiex minnu li l-investigazzjonijiet fil-konfront tiegħu għadhom pendenti, u dan ġie kkonfermat mis-

Supretendent Arnaud quddiem l-Ewwel Qorti u mill-Kummissarju tal-Pulizija fl-24 ta’ Frar, 2021, meta pubblikament iddikjara li kull persuna nvoluta, jew bħala mandant jew bħala kompliċi, fil-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia, llum jinsabu arrestati jew imresqin il-Qorti. Jgħid li l-investigazzjonijiet f’dan l-omiċidju ilhom għaddejjin għal aktar minn tlett snin u hemm diversi nkjesti li ppreservaw il-provi u semgħu x-xhieda, filwaqt li l-kumpilazzjoni m’għadhiex fi stadju bikri kkonsidrat li ilha għaddejja għal kważi sena u nofs. L-appellant jargumenta li matul id-disa’ mitt jum li huwa ilu miżmum arrestat ma sar l-ebda apprezzament profond mill-Qorti tal-oġġezzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali biex iċċaħħdu mill-liberta` tiegħu, u jżid li fi kwalunke każ l-investigazzjoni lanqas hija waħda mir-raġunijiet mogħtija fil-liġi biex ma tingħatax liberta` provviżorja.

23. L-intervenuti fil-kawża jwieġbu li l-appellant qisu qiegħed jippretendi grad ta’ prova aktar għoli minn dak ta’ konvinċiment ta’ riskju reali u jippretendi provi ċari ta’ ntenzjoni ġia ffurmata li jintralċja l-provi. Skont l-intervenuti fil-kawża dan l-argument huwa nfondat għaliex il-prova f’dan ir-rigward trid tkun waħda li tikkonvinċi lill-qrati li hemm riskju ta’ intralċ tal-provi u mhux li hemm ċertezza assoluta li ser isir hekk jekk l-appellant jingħata l-ħelsien mill-arrest. Jargumentaw li l-appellant jinsa li l-liġi tobbliga lil qrati li jikkunsidraw kull ċirkostanza li tista’ twassal għal dan ir-riskju, u jżidu li l-biża reali li l-appellant jintralċja l-provi hija mixhuda

mid-diversi provi mressqa quddiem il-qrati penali u għalhekk mhijiex biża astratta.

24. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali jwieġbu li dan l-aggravju jqanqal b'mod selettiv għall-aħħar parti żgħira mill-intervista li saret mal-Kummissarju tal-Pulizija. Jgħidu li l-investigazzjonijiet li kienu nbdew mit-*task force* għadhom għaddejjin u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha raġun issib li l-investigazzjoni għadha attiva. Isostnu li hawnhekk m'hawnx biss biża ta' intralċ ta' provi iżda potenzjalment biża ta' *frame-ups* kif jirriżulta mill-provi li juri li Dr. Adrian Vella kien allegatament għadda lill-appellant żewġ ittri biex jagħtuh direzzjoni dwar il-verżjoni li għandu jagħti lill-pulizija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

25. Permezz ta' din il-kawża l-appellant qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-arrest tiegħu kien leżiv tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti permezz tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti, għalkemm din it-talba tidher li qiegħda tikkontesta l-kostituzzjonalita` u l-konvenzjonalita` tal-arrest tal-appellant, jidher ċar kemm mill-premessi u kemm mill-mod kif żvolġiet il-kawża li l-ilment tal-appellant huwa sewwasew dwar iż-żamma taħt arrest tiegħu u

l-fatt li t-talbiet tiegħu għall-ħelsien mill-arrest s'issa dejjem ġew miċħuda, u mhux dwar il-validita` tal-arrest inizjali nnifsu.

26. Il-Qorti tkompli billi tosserva li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li dawn il-qrati mhumiex qrati tat-tielet jew raba' grad u għalhekk l-iskop tal-eżami magħmul f'din il-kawża ma jistax ikun li jirrevedu l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi u l-eżami tal-provi magħmul mill-qrati ordinarji. Il-kompitu tal-Ewwel Qorti kien li teżamina jekk id-deċiżjonijiet tal-qrati ordinarji kinux arbitrarji u jekk il-qrati ordinarji żammew bilanċ ġust bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet tal-appellant, b'mod partikolari billi sejsu d-deċiżjonijiet tagħhom fuq raġunijiet li huma relevanti u suffiċjenti biex jiġġustifikaw id-detenzjoni kontinwata tal-appellant. Il-Qorti tosserva li għalkemm l-appellant jakkuża lill-Ewwel Qorti b'nuqqas ta' imparzjalita` u li l-konsiderazzjonijiet magħmula minnha jindikaw li ma kienx qiegħed jiġi preżunt innoċenti mill-Ewwel Qorti, mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti espressament ħadet kont kemm tal-preżunzjoni ta' innoċenza tal-appellant u l-fatt li f'dan l-istadju s-serjeta` tal-akkużi li bihom huwa mixli mhijiex waħedha raġuni suffiċjenti sabiex l-appellant ikompli jinżamm taħt arrest, kif ukoll it-tul ta' żmien li l-appellant ilu detenut. Għalhekk il-Qorti tqis li b'mod ġenerali, l-eżami magħmul mill-Ewwel Qorti sar fl-ambitu ta' konsiderazzjonijiet relevanti. Il-Qorti tqis li qari akkurat u fidil tas-sentenza appellata kollha, u mhux ta' brani selettivi u meħuda barra mill-kuntest tagħhom, juri li l-

Ewwel Qorti għamlet analiżi mparzjali u kif meħtieġ mill-liġi tal-ilment tal-appellant u ħadet in konsiderazzjoni kemm dawk il-fatturi li jimmilitaw kontra t-teżi tal-appellant u kif ukoll dawk li jmorru favuriha.

27. Il-Qorti tqis ukoll infondat l-ilment tal-appellant li d-digrieti tal-qrati kriminali ġew *stereotyped* u mmirati lejn iċ-ċaħda tat-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest. Il-fatt li s'issa kull talba tal-appellant għall-ħelsien mill-arrest ġiet miċħuda mill-qorti kompetenti ma jfissirx awtomatikament li dan huwa minħabba xi nuqqas attribwibbli lil dawk il-qrati. Il-Qorti tosserva li a kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellant, id-digrieti relattivi kienu dejjem ben motivati u dettaljati u dejjem ħadu in konsiderazzjoni il-mod kif kienet qed tevolvi l-kawża kontra l-appellant, b'konsiderazzjonijiet speċifiċi magħmula fid-dawl tal-provi prodotti quddiemhom u l-ġurisprudenza fuq il-materja. Ma jidhirx li l-qrati kompetenti kienu qed jagħtu deċiżjonijiet ġeneriċi u astratti iżda kienu qed jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq dak li kien qiegħed jiġi sottomess lilhom mill-partijiet u jieħdu in konsiderazzjoni provi ġodda li jkunu ġew prodotti mill-aħħar talba li kien għamel l-appellant.[1]

[1] Ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Štvrtecký v. Slovakia** (QEDB, 05/06/2018) fejn il-Qorti ma sabitx leżjoni tal-artikolu in kwistjoni proprju għaliex, *inter alia*, "*The judicial authorities referred to the specific facts of the case and did not use "general and abstract" arguments for his continued detention, nor can it be said that the authorities ordered or extended the applicant's detention on identical or stereotypical grounds, using pre-existing template or formalistic and abstract language (see, a contrario, Tsarenko, cited above, § 70, and cases cited therein). The Court also notes that, with the passing of time, the courts' reasoning evolved to reflect the state of the investigation and, later, the trial, and to verify whether the grounds for detention remained valid*." Ara wkoll: **I.E. vs The Republic of Moldova** (QEDB, 26/05/2020) u **Grubnyk vs Ukraine** (QEDB, 17/09/2020).

28. Il-Qorti tosserva li fl-aħħar digriet mogħti mill-Qorti Struttorja qabel ma ġiet intavolata din il-kawża, il-Qorti tal-Maġistrati sejset iċ-ċaħda tat-talba tal-appellant fuq il-konsiderazzjoni li hemm biża ta' intralċ tal-provi u li hemm riskju li l-appellant jaħrab minn Malta jekk jingħata l-ħelsien mill-arrest. Fir-rigward ta' dan id-digriet l-appellant jilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati kkonsidrat li l-prosekuzzjoni mhijiex meħtieġa tipprova l-biżgħat imsemmija minnha u li dan iffisser li allura huwa qiegħed jiġi preżunt ħati. Dan l-argument pero` huwa ħazin. Qari akkurat tad-digriet in kwistjoni juri li l-Qorti tal-Magistrati ma kinitx qed tgħid li l-prosekuzzjoni mhijiex meħtieġa li tressaq l-ebda prova, iżda biss li m'hemmx ħtieġa li titressaq prova li l-appellant effettivament żgur ser jagħmel dak li d-detenzjoni hija ntiża li tipprevjeni milli jagħmel, bħal per eżempju jintralċa l-provi. Fil-fatt il-Qorti tal-Maġistrati fl-istess digriet ikkonsidrat li t-talba tal-appellant għandha tiġi miċħuda jekk mill-atti jirriżultaw raġunijiet konkreti li jiġġustifikaw l-eżistenza tal-biżgħat imqanqlin mill-prosekuzzjoni. Din il-konsiderazzjoni tikkontradiċi u ġġib fix-xejn dan l-ilment tal-appellant, li bħal ilmenti oħra magħmula minnu huwa bbażat fuq estrapolazzjoni ta' siltiet selettivi li ma jiġux ċitati b'mod sħiħ mill-appellant.

29. Dwar il-biża ta' ħarba l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet speċifiċi, li fil-fatt huma l-bażi tar-raba' aggravju tal-appellant. Skont l-appellant l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li jeżisti riskju li

jaħrab minn Malta għaliex il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward jikkonsistu f'*chats* u messaġġi estratti mill-*mobile phone* tiegħu. Skont hu dawn ic-*chats* u l-messaġġi ma jikkostitwixxux prova kif trid il-liġi għaliex la ġew prodotti l-persuni li għamlu l-estrazzjonijiet mill-*mobile phone* u lanqas ma ġew prodotti l-persuni parteċipi f'dawn ic-*chats* b'mod illi, skont l-appellant, dawn il-provi huma '*documentary hearsay.*" Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. I*c-chats* u l-messaġġi li għamlet referenza għalihom l-Ewwel Qorti kienu estratt minn dak li ġie preżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja. L-Ewwel Qorti kienet ġiet infurmata li dawn ic-*chats* u l-messaġġi kienu ġew esebiti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mill-espert li għamlet l-*extraction* tagħhom mill-*mobile phone* tal-appellant u kkonfermati bil-ġurament tagħha. Mill-atti jirriżulta li l-appellant fl-ebda ħin ma oġġezzjona għall-produzzjoni ta' dawn ic-*chats* u l-messaġġi jew ikkontesta li dawn kienu ġew esebiti u kkonfermati bil-ġurament mill-espert li għamlet l-*extraction* tagħhom. Għalhekk l-appellant ma jistax issa jippretendi li dawn huma "*documentary hearsay"* għaliex l-espert in kwistjoni ma xehditx ukoll quddiem l-Ewwel Qorti. Dwar l-ilment tal-appellant li c-*chats* u l-messaġġi li ġew esebiti huwa selettivi u ġew manipulati biex juru biss in-narrattiva l-aktar favorevoli għall-konvenuti, il-Qorti tosserva li l-appellant kellu kull opportunita` li jilmenta dwar dan quddiem l-Ewwel Qorti u jitlob li tiġi prodotta f'din il-kawża l-*extraction* sħiħa tad-data mill-*mobile phone* tiegħu, ħaġa li huwa qatt m'għamel. Il-Qorti tosserva fil-fatt li dan l-ilment tal-appellant huwa

għal kollox ġeneriku fis-sens li l-appellant lanqas biss indika x'seta' kien hemm fil-*mobile phone* tiegħu li kien jimmilita favur it-teżi tiegħu jew juri li l-estrazzjonijiet esebiti f'din il-kawża ġew manipulati mill-konvenuti kif qiegħed jallega. Dan minkejja li fl-aħħar mill-aħħar dawn l-estrazzjonijiet huma mill-*mobile phone* tiegħu u ta' konverżazzjonijiet li kien parteċipi fihom hu u *emails* li bagħat jew irċieva hu, u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li l-appellant m'għandux biżżejjed għarfien tal-kontenut tal-estrazzjonijiet, u dan ukoll apparti l-fatt li l-estrazzjoni sħiħa kienet disponibbli għall-appellant peress li ġiet esebita fil-kawża kriminali kontra tiegħu. Għalhekk kien possibbli u faċli għall-appellant li juri lill-Ewwel Qorti li l-estratti preżentati mill-konvenuti huma manipulati favur it-teżi tagħhom, u jekk dan m'għamlux ma jistax jippretendi li l-Qorti tiskarta l-provi li hemm fl-atti fuq sempliċi allegazzjoni mhux korroborata tiegħu.

30. Wara li rat is-sentenza appellata u l-atti tal-kawża il-Qorti tqis li huwa nfondat l-ilment tal-appellant dwar il-kwistjoni ta' biża li jaħrab mill-pajjiż jekk jingħata l-liberta` provviżorja. Jidher li l-qrati ordinarji għamlu analiżi komprensiva tal-provi li ġew prodotti quddiemhom u spjegaw sew għalfejn fil-fehma tagħhom mill-atti jirriżulta li hemm biża li l-appellant jaħrab jekk jingħata l-ħelsien mill-arrest. Minn eżami tal-provi prodotti jirriżulta li din il-konklużjoni tal-qrati kriminali ma kinitx waħda arbitrarja u anzi hija raġonevoli tenut kont il-provi li tressqu, li parti minnhom tressqu quddiem din il-Qorti. Dawn ic-*chats* u l-messaġġi li ġew esebiti in atti juru,

almenu fuq bażi *prima facie,* li l-appellant kien proprju qiegħed iwettaq pjan biex jaħrab mill-pajjiż meta ġie arrestat mill-pulizija, pjan li huwa kien qiegħed jiddiskuti u jipprepara ma' xi familjarji tiegħu. L-argument tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma kkonsidratx il-fatt li għandu rabtiet Malta, partikolarment martu u wliedu li huma kollha Maltin huwa nfondat. Mill-atti jirriżulta li xi xhur qabel dak li jidher li kienet attentata ħarba minn Malta, l-appellant kien qiegħed serjament jikkonsidra jemigra lejn l-Istati Uniti flimkien ma' martu u wliedu. Dwar dan kien qiegħed jitkellem ma' ommu, u jirriżulta li l-appellant kien qiegħed saħansitra jfittex proprjetajiet u anke qabbad kumpanija sabiex tirrediġi rapport dwar kwistjonijiet prattiċi tal-ħajja ta' kuljum bħalma huma skejjel għal uliedu. Għalkemm l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni li għandu n-negozju tiegħu hawn Malta bħala prova oħra tal-irbit tiegħu hawn Malta, il-Qorti tosserva l-ewwel nett li mic-*chats* esebiti jirriżulta li l-appellant stess kien tkellem m'ommu dwar kif ma hawn xejn li jorbtu ma' dan il-pajjiż ħlief hi u kemm jixtieq jisvesti ruħu minn sehmu min-negozju tal-familja sabiex jitlaq barra minn Malta.

31. Il-Qorti tkompli billi tosserva li għalkemm l-appellant jargumenta li l-kuntatti li għandu barra minn Malta huma biss kuntatti tan-negozju u għalhekk żgur li m'għandux kuntatti li jkunu jistgħu jgħinuh jallontana ruħu mill-pajjiż, mill-provi jirriżulta fil-verita` li l-appellant kellu kuntatt barrani li huwa kien talab biex jgħinu jikri dar li ma tkunx tidher fuq isem l-appellant

meta kien qiegħed jipprepara biex jallontana ruħu minn Malta. Dan l-istess kuntatt saħansitra talbu li matul dak iż-żmien kellux bżonn aċċess għal *helicopter*. Dwar l-argument tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni li meta kien fuq *police* bail huwa ma kienx ħarab minn Malta, il-Qorti tosserva li mill-provi jirriżulta li waqt li l-appellant kien qiegħed fuq *police bail* huwa kien qed jiġi monitorat mill-pulizija, li saħansitra kien ġewwa d-dar miegħu.

32. Il-Qorti tqis inoltre li hija ġusta l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-mezzi finanzjarji tal-appellant, u tqis li l-ordnijiet ta' ffriżar li nħarġu fil-konfront tal-appellant xejn ma jtaffu din il-biża ġaldarba jirriżulta mill-estratti esebiti li l-appellant għandu flejjes f'kontijiet mhux biss barra minn Malta iżda f'pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea li għalhekk mhumiex u ma jistgħux ikunu suġġetti għall-ordinijiet ta' ffriżar, u dan oltre l-fatt li mill-estratti esebiti jindikaw id-dispożizzjoni tal-familjarji tal-appellant li jgħinuh f'dak li jista' jkollu bżonn. L-argument tal-appellant f'dan ir-rigward li t-teħid in konsiderazzjoni tal-mezzi tiegħu jammonta għal diskriminazzjoni mhux xieraq. L-ewwel nett il-mezzi tal-akkużat huma fattur relevanti sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx biża valida ta' ħarba skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewoprea.[2] Inoltre, trattament distint jirrappreżenta diskriminazzjoni biss fejn, *inter alia,* ma jkunx imsejjes fuq ġustifikazzjonijiet raġonevoli u oġġettivi. F'dan il-każ huwa ċar li għal

[2] Ara per eżempju: **Becciev v. Moldova** (QEDB, 04/10/2005).

persuna li għandha mezzi sostanzjali huwa ferm aktar faċli li taħrab mill-pajjiż pendenti kawża kriminali kontra tagħha. Dan huwa bil-wisq evidenti mill-estratti preżentati fl-atti, li *prima facie* juru pjanijiet ta' ħarba li kienu jinvolvu yacht privat, il-kiri ta' proprjeta` barra minn Malta f'isem terza persuna barranija li kienet ser tiswa aktar minn €10,000 għal ġimgħatejn u saħansitra ġiet anka esplorata l-possibilita` li jintuża ajruplan privat għal titjira urġenti u mingħajr kontrolli ta' identita` li kienet ser tiswa l-eluf ta' ewro. Dan apparti disponibbilita` ta' flejjes f'ġurisdizzjonijiet barra minn Malta u disponibbilita` ta' flus kontanti, li jkompli jgħinu lil dak li jkun biex jevadi lill-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk huwa ċar li t-teħid in konsiderazzjoni tal-mezzi tal-appellant huwa mhux biss ġustifikat iżda meħtieġ.

33. Il-Qorti ma ssib ukoll xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-biża ta' intralċ tal-provi. Għalkemm l-appellant jilmenta dwar il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li kellu aċċess għall-informazzjoni li qatt ma kellha tkun f'idejh, mill-provi jirriżulta li b'xi mod l-appellant kellu f'idejh *screenshot* tad-dokument tal-proklama ta' Melvin Theuma u mill-atti ma tirriżulta l-ebda spjegazzjoni dwar kif l-appellant akkwista dan il-materjal. Jirriżulta inoltre li l-investigazzjoni fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia għadha għaddejja għaliex kien hemm xi żviluppi oħrajn wara d-dikjarazzjoni magħmula mill-Kummissarju tal-Pulizija li l-persuni nvoluti ġew kollha mressqa l-Qorti, u mill-atti ma jirriżultax li din l-investigazzjoni,

li huwa nkontestat li hija waħda sensittiva u komplessa, mhijiex qed tiġi kondotta b'diliġenza.

34. Għalhekk, in vista tal-fatti li jirriżulta li d-detenzjoni kontinwata tal-appellant hija bbażata fuq raġunijiet relevanti u sufficjenti, il-Qorti hija tal-fehma li l-appell odjern huwa nfondat u għalhekk għandu jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da